# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Illum l-Erbgħa 14 ta' Mejju, 2025**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni.: 688/2025/1 MH**

**Shannon Technical Services Limited**
**Vs**
**AC Europe Holding Besloten Vennootschap;**
**Aviation Cosmetics Holding Limited; u**
**Aviation Cosmetics Malta Limited**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors datat 29 ta' April, 2025 fejn ġie mitlub il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fuq l-ishma kollha tas-soċjetajiet intimati AC Europe Holdings Besloten Vennootschap u Aviation Cosmetics Holding Limited.

Rat li fil-konfront tat-tielet intimata ġie mitlub li din tinżamm milli tbiegħ, titrasferixxi *etc* makkinarju, għodda, inventarju jew assi oħra illi jista' jkollha ġo stabbiliment indikat.

Dan kollu biex jiġi kkawtelat kreditu komplessiv ta' €3,000,000.

Rat li din it-talba ġiet opposta mill-intimati għar-ragunijiet esposti fir-risposta tad-9 ta' Mejju, 2025.[1]

Ikkunsidrat:

F'dawn il-proċeduri r-rikorrenti jinħtieġ turi li mhux biss li hemm dritt x'tikkawtela, pero' li hi mad-daqqa t'għajn is-soċjeta' għandha dan id-dritt.

Oltre, ai terminu ta' l-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta Malta, is-soċjeta' rikorrenti jinħtieġ turi li jekk ma toħroġx din il-kawtela se tbati preġudizzju irrimedjabbli u irreparabbli.

Ikkunsidrat:

[1] Folio 18.

Illi r-rikorrenti ssostni li hu dovut lilha s-somma gia' msemmija in kwantu minnha mħallsa a bażi ta' *'Term Sheet'* iffirmat bejna u l-ewwel intimata, dan in kwantu għat-trasferiment tal-ishma kollha fi ħdan il-kumpanija intimata l-oħra Aviation Cosmetics Holding Limited jew alternattivament il-kumpanija sussidjarja tagħha Aviation Cosmetics Malta Limited.

Da parti tal-intimati kollha, jirreżistu din it-talba fuq il-pretest prinċipali li dan id-depositu kien wieħed li jintilef, hekk imsejjaħ minnha *'locked box'*.

Ikkunsidrat:

Kif inhu miżmum fl-eżami li hawn trid tagħmel il-Qorti hu biss a bażi ta' *'prima facie'*.

Mid-dokumenti esibiti ssib lir-rikorrenti għandha <u>mad-daqqa t'għajn</u> il-jedd reklamat li titlob lura l-flejjes imħallsa la falla dak miftiehem. Dan hu biss fuq bażi *prima facie.*

Dan il-jedd għalhekk sa hawn huwa wieħed li jissodisfa t-termini tal-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Marbut ma' dan il-mandat hemm ukoll il-ħtieġa tal-preġudizzju irrimedjabbli. Dan it-tip ta' preġudizzju hekk irreparabbli fih innifsu jirrendi dan il-mandat wieħed ta' natura straordinarja u li għandu jsib applikazzjoni biss jekk m'hemmx alternattiva ta' kawtela.

Hu għalhekk il-Qorti ssib illi l-intimati għandhom raġun sa fejn tidħol l-aħħar talba, dan fejn hu mitlub il-mandat fil-konfront ta' impjanti, għodda, makkinarju etc. fi ħdan is-soċjeta' Aviation Cosmetics Malta Ltd. (ACML).

Taqbel mal-intimati li din il-kawtela jekk hekk milqugħa taf torbot lis-soċjeta' intimata ACML f'akkwist ta' armar u apparat futur li jista' għalhekk jfixkel l-operat tagħha. Dan jingħad għal fatt li r-rikorrenti għandha kawtela oħra għalxiex tista' tirrikorri bl-istess effett.

**Konsegwentement tilqa' biss iż-żewġ talbiet kif dedotti u tiċħadha fil-konfront tal-aħħar waħda bil-konsegwenza li l-intimata ACML hija liberata mill-effetti ta' dan il-mandat.**

**Oltre tirrevoka *'contrario imperio'* fejn dan il-mandat ġie milqugħ provviżorjament fil-konfront tas-soċjeta' ACML.**

**Kulħadd għandu jbati l-ispejjeż minnu nkorsi.**

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ**